MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 11/2014

# MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMHALLEF

# SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**

**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**

**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**

**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 ta' Novembru, 2014.**

**Rikors Numru 11/2014 SM**

**John Formosa (K.I. 862344 M)**

**Doris Grima (K.I. 125547 M)**

**Alfred Formosa (K.I. 150648 M)**

**Nazzareno Formosa (K.I. 780551 M)**

**Joseph Formosa (K.I. 780451 M)**

**Carmelo Formosa (K.I. 10354 M)**

**Catherine Callus (K.I. 5500858 M)**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**(Sahha Pubblika);**

**Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` dwar is-Sahha**

**u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol;**

**Kummissarju tal-Pulizija;**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-7 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti huma ulied u eredi ta' Salvatore Formosa li miet fit-23 t'Ottubru, 1978, ta' 62 sena, (ara foll 5);

1.2 Illi l-imsemmi Salvatore Formosa miet kagun ta' kancer ikkagunat esklussivament mill-esposizzjoni ghall-*asbestos*, maghruf bhala *Malignant Mesothelioma*, (ara foll 5);

1.3 Illi dan Salvatore Formosa kien *fitter* mal-*Malta Drydocks Corporation*;

1.4 Illi dan kien l-uniku impjieg tieghu;

1.5 Illi matul il-perjodu li dan Salvatore Formosa dam hekk impjegat l-*asbestos* kien *"staple material"* fl-imsemmija korporazzjoni u kien jintuza f'ammonti kopjuzi minghajr l-ebda kontrol effettiv;

1.6 Illi ilu ghal ghexieren shah ta' snin maghruf li l-esposizzjoni ghall-*asbestos* kienet tirreka dannu serju ghal sahhet il-bniedem, twassal ghal mard serju u tistà wkoll tikkaguna l-mewt;

1.7 Illi minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqà d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, id-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u l-Kummissarju tal-Pulizija, naqsu jipprovdu lil Salvatore Formosa bi protezzjoni adegwata biex jilqghu ghall-hsara ikkagunata mill-*asbestos*;

1.8 Illi hadd minn dawk imsemmija fil-paragrafu precedenti ma informa lill-istess Salvatore Formosa bl-effetti nocivi involuti mill-esposizzjoni ghall-*asbestos*;

1.9 Illi lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija ma ha ebda pass fir-rigward ghalkemm kien sar konxju ta’ tali effetti;

1.10 Illi kien biss wara li Salvatore Formosa u uliedu bdew jisimghu bil-mard u mwiet ikkagunati mill-*asbestos* ta’ uhud mill-kollegi tal-istess Salvatore li saru konxji ta’ l-effetti nocivi ta’ din l-esposizzjoni ghall-*asbestos*;

1.11 Illi tali gharfien kien gradwali u maghruf minghajr l-intervent tal-entitajiet fuq indikati li kellhom l-obbligu jissuplixxu tali informazzjoni;

1.12 Illi l-esposizzjoni in dizamina ta’ Salvatore Formosa affettwat b’mod negattiv il-kwalità tal-hajja tar-rikorrenti li gew imcahda prematurament minn presenza sinifikanti hafna f’hajjithom;

1.13 Illi ghalhekk jissodisfaw il-kriterji biex ikollhom *locus standi* bhala vittmi, u dan, *ai termini* ta’ l-artiklu 34 tal-Kovenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli f’Malta *tramite* l-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.14 Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunità jwiegbu u jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex tiddikjara li fil-konfront individwali ta’ kull wiehed mir-rikorrenti gie vjolat:

1.14.1. Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja ta’ individwu ma titqieghedx f’periklu bla bzonn, *ai termini* tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u ta’ l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli lokalment *tramite* l-Kap 319 fuq già riferit;

1.14.2. Id-dritt li wiehed ma jkunx issoggettat ghal trattament inuman u degradanti, *ai termini* ta’ l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-artiklu 3

tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, applikabbli wkoll lokalment via l-Kap 319 fuq riferit;

1.14.3. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu, *ai termini* tal-artiklu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, applikabbli wkoll lokalment via l-Kap 319 fuq riferit;

1.14.4. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata fit-termini tal-paragrafu precedenti però f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin ma' l-*asbestos*;

1.14.5. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom;

1.14.6. Tillikwida dan l-ammont ta' kumpens;

1.14.7. Tordna li l-ammont hekk likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti;

2.0 Rat ir-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Avukat Generali datata z-17 ta' Frar, 2014, li sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

2.1. Illi in linea preliminari jissollevaw is-segwenti:

2.1.1. Illi n-nomenklatura korretta rigwardanti t-Tabib Principali tal-Gvern issa hi "Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)";

2.1.2. Illi ghalhekk tintalab korrezzjoni f'dan is-sens kull fejn jirrikorri;

2.1.3. Illi l-ebda wiehed mit-tlett (3) intimati hawn rispondenti ma hu l-legittimu kontradittur ghall-allegazzjonijiet u talbiet tar-rikorrenti *stante* li hadd minnhom ma kellu funzjoni diretta jew indiretta fl-allegata esposizzjoni ghall-*asbestos* u ghall-konsegwenzi naxxenti mill-istess;

2.1.4. Illi ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2.1.5. Illi rigward il-kumpens rikjamat mir-rikorrenti dawn kellhom ghad-disposizzjoni taghhom mezzi ohra ordinarji biex jilhqu l-iskopijiet taghhom ta' risarciment, u dan, kontra min kien ihaddem lil missierhom;

2.1.6. Illi tali procedura kienet disponibbli, effikaci u effettiva;

2.1.7. Illi il-fatt li r-rikorrenti naqqsu li jaghmlu dan ma jaghtihomx issa id-dritt li jlibbsu l-ilment taghhom bil-kappa kostituzzjonali biex dak li ma ssollevawx quddiem il-qrati ordinarji qed jippruvaw jottjenuh mill-Qorti Kostituzzjonali;

2.1.8. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha taht l-artiklu 4 (2) ta' l-Att XIV tal-1987 u a tenur ta' l-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2.1.9. Illi din il-posizzjoni indikata fil-paragrafu precedenti già ittiehdet mill-Qorti Kostituzzjonali fi proceduri simili indikati espressament fl-istess risposta, li a skans ta' ripetizzjoni inutili mhux qed jergghu jigu riprodotti, (ara foll 22);

2.1.10. Illi kwantu l-fatti li taw lok ghall-lanjanza tar-rikorrenti jmorru lura ghal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina fil-ligi Maltija fl-1987, l-ilmenti referenti

ghall-perjodu qabel t-30 t'April, 1987, ma jistghux jigu mistharrga min din il-qorti, u dan *a tenur* ta' l-artiklu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.1.11. Illi r-rikorrenti jridu jgibu prova dwar il-*locus standi* taghhom bhala vittmi diretti u/jew indiretti fil-proceduri odjerni;

2.2. Illi fil-meritu jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar- rikorrenti *stante* li infondati, u dan ghaliex;

2.2.1. Ir-rikorrenti ghandhom igibu prova li missierhom Salvatore Formosa kien jahdem mal-*Malta Drydocks Corporation*, li kien espost ghal *asbestos* u li l-kancer malinju li nstab fuqu kien il-konsegwenza u l-kawza unika tal-fatt li hu kien hekk espost;

2.2.2. Illi hadd mill-intimati odjerni ma qieghed il-hajja tar-rikorrenti jew ta' missierhom fil-periklu jew b'xi mod cahhadhom mid-dritt ghal hajjithom;

2.2.3. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea *de quo*;

2.2.4. Illi l-istess intimati ma esponewx jew issoggettaw lir-rikorrenti jew lil missierhom ghal xi trattament inuman jew degradanti;

2.2.5. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-artiklu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni;

2.2.6. Illi l-fatt li membru tal-familja marad b'marda terminali ma jitqiesx li jikkostitwixxi xi interferenza mill-intimati fil-hajja privata jew familjari tar-rikorrenti, liema hajja setghet tibqà tigi ezercitata f'kull hin waqt li missierhom kien ghadu haj u anke wara mewtu;

2.2.7. Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali t'informazzjoni dwar perikli assocjati ma' l-*asbestos*

jew ma’ kwalunkwe materjal iehor kif qed jippretendu r-rikorrenti;

2.2.8. Illi ghalhekk m’hemm l-ebda ksur ta’ l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni in dizamina;

3.0 Illi ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost jitolbu li din il-qorti:

3.1. Tiddikjara li m’hemm ebda ksur tad-drittijiet funamentali tar-rikorrenti;

3.2. Tichad l-allegazzjonijiet u talbiet kollha;

3.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta tal-Awtorità dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xoghol datata t-18 ta’ Frar, 2014, li permezz taghha wiegbet bil-mod segwenti:

5.1. Illi preliminarjament l-Awtorità intimata mhix il-legittmu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, *stante* li:

5.1.1. Il-mewt ta’ Salvatore Formosa sehhet fit-23 t’Ottubru, 1978, u l-allegati lanjanzi necessarjament jirreferu ghall-perjodu li jipprecedi l-imsemmija data;

5.1.2. Illi l-Awtorità intimata giet kostitwita b’ligi fis-sena 2000 bl-Att XXVII tal-2000, u ghalhekk 22 sena wara l-mewt ta’ l-imsemmi Salvatore Formosa;

5.1.3. Illi ghalhekk, fil-perjodu ta' l-allegat lanjanzi, l-Awtorità intimata ma kienitx tezisti;

5.1.4. Illi ghalhekk il-lanjanzi indirizzati mir-rikorrenti ma jolqtux l-agir ta' l-awtorità intimata li b'xi mod jistà jigi interpretat li jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

5.1.5. Illi ghalhekk l-Awtorità ma tistax tirrispondi ghall-addebiti indirizzati kontra taghha;

5.1.6. Illi *di fatti*, imkien fir-rikors promotur ma jirrizulta xi allegazzjoni fil-konfront ta' l-Awtorità;

5.1.7. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-Awtorità intimata;

5.2. Illi ir-rikorrenti jirrikorru ghall-procedura straordinarja odjerna meta kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji biex jivvantaw it-talbiet taghhom, senjatament proceduri civili ordinarji, liema proceduri ma gewx segwiti mir-rikorrenti;

5.3. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fil-procedura odjerna;

5.4. Illi dan kien trattat fit-tul minn din l-istess qorti diversament preseduta fis-sentenzi indikati mill-istess Awtorità intimata, li a skans ta' dilungar inutili qed issir referenza ghalihom fl-istess risposta, (ara foll 26);

5.5. Illi in linea preliminari wkoll, r-rikorrenti fuq indikati m'ghandhom l-ebda *locus standi* fil-procedura odjerna fil-konfront tat-talbiet taghhom taht il-Konvenzjoni Ewropea *de quo*;

5.6. Illi r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala "vittma" *ai termini* ta' l-artiklu 34 tal-Konvenzjoni *stante* li m'hemm l-ebda ness bejn l-allegat dannu ghas-sahha kkagunata lil Salvatore Formosa u xi ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, aktar u aktar bit-trapass ta' 36 sena mill-mewt tal-istess Salvatore Formosa;

5.7. Illi l-ilment tar-rikorrenti skatta minn episodji li jmorru lura ghal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina fl-1987;

5.8. Illi l-ilmenti tar-rikorrenti li huma relattivi ghall-perjodu qabel it-30 t'April, 1987, ma jistghux jigu investigati minn din il-qorti, u dan, *a tenur* l-artiklu 7 tal-Kap 319 fuq gia` riferit;

5.9. Illi fil-mertu l-Awtorità *de quo* issostni s-segwenti:

5.9.1. Illi r-rikorrenti ghandhom iressqu prova li l-allegata esposizzjoni ta' Salvatore Formosa hi konsegwenza u l-kawza unika ghall-mewt ta' l-istess;

5.9.2. Illi c-certifikat tal-mewt tal-istess jindika tlett (3) ragunijiet ghad-decess ta' Salvatore Formosa senjatament:

5.9.2.i. *Heart Pulmonary Failure*;

5.9.2.ii. *Malignant Mesothelioma Pleurae*; u

5.9.2.iii. *Secondary Deposites Liver, Anaemia*,

(ara foll 5);

5.10. Illi biex jissussistu t-talbiet tar-rikorrenti jinhtieg li l-hajja tigi pprivata intenzjonalment, haga li l-Awtorità intimata zgur li m'ghamlitx;

5.11. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati, frivoli u vessatorji, u ghalhekk ghandhom jigu michuda;

5.12. Illi fir-rigward tal-allegat trattament inuman u degradanti ssir referenza ghall-**Ireland vs United Kingdom, tal-Qorti**

**Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali datata t-18 ta' Jannar, 1978**, fejn jinghad li trattament ikun inuman meta jkun hemm:

> " ... the infliction of intense physical or mental suffering ..."

u jkun degradanti meta jkun hemm:

> " ... treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance";

5.13. Illi kif ukoll gie ritenut mill-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti fil-**Greek Case**:

> "The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable … Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others or derives him to act against his will or conscience"

5.14. Illi mill-fatti in dizamina ma jirrizulta minn imkien li b'xi mod kien hemm trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrenti li ghalih ghandha tirrispondi l-Awtorità *de quo*, u ghalhekk din l-allegazzjoni hi infondata, frivola u vessatorja, u ghandha tigi michuda;

5.15. Illi l-agir lamentat mir-rikorrenti li minhabba fih soffrew ghaliex kienu esposti ghall-asbestos m'ghandu l-ebda

relazzjoni mall-hajja privata tar-rikorrenti jew tal-familja taghhom, mad-dar jew korrispondenza kif allegat;

5.16. Illi l-Awtorità intimata in dizamina ma ghandha l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti, u ghalhekk anke din l-allegazzjoni hi infondata, frivola u vessatorja, u ghandha tigi michuda;

5.17. Illi in vista tal-premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

5.18. Salv accezzjonijiet ohra;

6. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Marzu, 2014, li permess tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalità hemm indikata, (ara foll 41), u dan, fuq l-eccezzjonijiet preliminari, (ara foll 42), kif ukoll kif sussegwentement ri-awtorizzata, (ara foll 75);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali fir-rigward, datata it-30 t'April, 2014, (ara foll 45);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 51);

9. Rat in-nota ta' l-Awtorità dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, datata t-28 ta' Mejju, 2014, (ara foll 76);

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi din is-sentenza qed tindirizza r-risposti ta' natura preliminari sollevati mill-intimati, senjatament:

12.1. Il-*locus standi* tar-rikorrenti fil-procedura odjerna;

12.2. L-ezawriment *o meno* tar-rimedju ordinarju da parti tar-rikorrenti;

12.3. Ilment li jirreferi ghal perjodu qabel it-30 t'April, 1987;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi preliminarjament, il-fatti essenzjali kif jirrizultaw mill-atti li jistghu jghidu li taw lok ghall-procedura odjerna jistgu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi Salvatore Formosa, missier ir-rikorrenti, kien jahdem bhala *fitter* it-Tarzna, (ara foll 2), u kien hemm impjegat *full time*;

13.2. Illi skont ic-certifikat tal-mewt tal-istess Salvatore Formosa jirrizulta li miet ta' tnejn u sittin (62) sena, (ara foll 5);

13.3. Illi l-kawza tal-mewt tieghu tirrizulta li kienet multipla, (ara paragrafu numru hamsa punt disgha punt tnejn, (5.9.2.), aktar qabel, u foll 5);

13.4. Illi matul il-perjodu tal-impjieg ta' Salvatore Formosa mat-Tarzna, l-*asbestos* kien ta' uzu komuni fl-istess impriza u l-impjegati ma kienux jigu protetti kontra l-perikli ghas-sahha li kienu jkunu hekk esposti ghalihom;

13.5. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa dam hekk espost ghal ghexieren ta' snin, u dan, anke nonostante li l-Awtoritajiet koncernati kienu jafu bil-konsegwenzi li tali esposizzjoni kellha fuq min ikun involut;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari li ssollevat il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* jew le fl-azzjoni odjerna, jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi biex lanjant ikun jistà jadixxi l-qorti biex hemm jipprommovi l-lanjanza tieghu ghall-iskrutinju jrid ikun jezisti ness bejn l-allegata lanjanza u l-ksur tad-dritt fundamentali allegat;

14.2. Illi ovvjament hu pacifiku li l-prova tinkombi fuq il-persuna li qed tressaq l-allegazzjoni in dizamina;

14.3. Illi, **kif ritenut f'Ressegatti vs Switzerland, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**, rikors numru 17671/02, biex persuna tikkwalifika bhala vittma diretta *ai termini* tal-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta irid ikun

hemm effett dirett fuq l-istess persuna tal-ksur tad-dritt allegat;

14.4. Illi f'dan is-sens, ir-rikorrenti, bhala ulied id-*decuius* Salvatore Formosa qed ihossuhom li kienu vittmi innocenti ta' haga ferm akbar minnhom u dan, rizultat tal-fatt li waqt li missierhom kien qieghed jaqlà l-ghajxien tieghu bis-sahha tal-professjoni tieghu ta' *fitter* fit-Tarzna, kien fl-istess hin qed jissubbixxi b'mod injar l-effettiv nocivi minnu assorbiti mill-*asbestos* li jirrizulta li kien uzat b'mod kopjuz fl-ambjent fejn l-istess Salvatore Formosa kien jahdem;

14.5. Illi ghalkemm ic-certifikat tal-mewt in atti jindika ragunijiet multipli ghad-decess tal-istess Salvatore Formosa, il-fatt li l-*malignant mesothelioma pleurae* giet indikata bhala wahda mill-fatturi li pprecipitat dan id-decess, allura l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi legittima u timmerita li tkun ghalhekk sostenuta;

14.6. Illi tali decess ghalhekk jidher li gie precipitat bl-avvent tal-kawza indikata fil-paragrafu precedenti u fih innifshu dan ippriva lir-rikorrenti mill-affett ta' missierhom u mill-izvolgiment normali tal-hajja ta' kuljum li din il-kawza malinna qetghet hessrem;

14.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ukoll sfaw vittma tal-kawza li ffalcat lil missierhom Salvatore *stante* li ghandu jkun biss id-dekors naturali tal-hajja li jiddetermina l-ezistenza umana u xejn aktar;

14.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma wkoll vittmi injari tal-akkadut in dizamina, u konsegwentement

filwaqt li tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati kollha, tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom *locus standi* biex jippromovu l-azzjoni odjerna;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari li ssollevat il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ezawrewx ir-rimedji ordinarji lilhom spettanti, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi kif irriteniet il-Qorti Ewropea fuq già riferita fil-kawza ***Brincat and Others vs Malta*****, datata l-24 ta' Lulju, 2014**, ir-rimedji civili involuti jinkludu dawk indirizzati fl-artiklu 1031 – 1033 u 1045 – 1046 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, paragrafu 22 tal-istess sentenza;

15.2. Illi kif irriteniet l-istess Qorti Ewropea fis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, (ara paragrafu 52), ir-rimedju civili postulat jirrigwarda biss il-kumpens pekunjarju naxxenti mid-*dawnum emergens* u mill-*lucrum cessans*, u kumpens ghad-dannu mhux pekunjarju mhux konsidrat – ghalkemm recentement sar wkoll progress f'dan il-kamp partikolari, (**ara Dottor Joseph Pace et vs Onorevoli Prim Ministru et, datata l-1 ta' Gunju, 2012, u Lucienne Cassar vs Dragonara Casino Limited datata z-19 ta' Gunju, 2012**);

15.3. Illi però fir-rigward l-istess Qorti Ewropea sostniet bi kjarezza s-segwenti: (ara paragrafu 53)

" ... the ineffectiveness of such an ordinary remedy was evident in so far as the law (Article 1032 of the Civil Code) provided that no one was to be found liable in the absence of any express legal provision. Indeed, ordinary law did not provide for actions dealing with activities that breached Article 8 of the Convention – a provision which the applicants had also relied on and which … did not correspond to any constitutionally protected right in Malta";

15.4. Illi l-iskop wara din is-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu qabel jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u intiz biex jirregolarizza l-azzjonijiet in dizamina li jhalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali;

15.5. Illi *di più*, kif irriteniet l-istess Qorti Ewropea fil-kawza fuq citata, l-Istat ikollu ghalhekk ukoll l-opportunità biex jirrisolvi lokalment kwalunkwe vertenza li tqum minghajr il-htiega ta' proceduri finanzjarjament dispendjuzi fil-forum internazzjonali;

15.6. Illi ovvjament il-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli ghaliha ghandha l-oneru li tissodisfa lill-qorti, (f'dan il-kaz Ewropea *de quo*), li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika, (ara paragrafu 57);

15.7. Illi l-istess Qorti Ewropea issostni fis-sentenza **Brincat and Others** fuq indikata li:

> " ... in the event of a breach of Articles 2 and 3, which rank as the most fundamental provisions of the Convention, compensation for the non-pecuniary damage flowing from the breach should in principle be available as part of the range of possible remedies",

15.8. Illi in sostenn tal-istess principju minnha enuncjat u riprodott fil-paragrafu precedenti, il-Qorti Ewropea *de quo* telenka kwantità ta' sentenzi minnha enunciati matul is-snin li a skans ta' delungar inutili qed issir biss referenza diretta ghalihom;

15.9. Illi l-istess vina logika kompliet tigi enuncjata fil-paragrafu 63 tal-istess sentenza li wkoll a skans ta' ripetizzjoni inutili qed issir referenza ghaliha f'dan l-istadju in sostenn tas-suespost;

15.10. Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-qorti thoss li ghar-ragunijiet esposti il-vertenza in dizamina tissupera l-ostaklu prodott mill-intimati bl-argument taghhom li r-rikorrenti odjerni ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ezistenti, u konsegwentement tirrespingi wkoll din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari naxxenti mill-artiklu 7 tal- Kap 319 fuq già riferita, jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi permezz tal-Kap 319 fuq riferit gie stabbilit li d-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali huma parti mill-Ligi ta' Malta u ghandhom ghalhekk ikunu ezegwibbli lokalment, (ara artiklu 3 (1) tal-Kap 319);

16.2. Illi però dak indikat fil-paragrafu precedenti hu limitat permezz ta' disposizzjoni transitorja specifika, (artiklu 7 tal-istess) li tobbliga lill-qrati lokali u li partijiet involuti bil-mod segwenti hemm espress u hawn riprodott:

> "Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April, 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Rabà Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Sebà Protokoll li jsir qabel l-1 t'April, 2002, ma ghandu lok ghal xi azzjoni taht l-Artiklu 4";

16.3. Illi fir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.3.1. Illi d-*decuius* Salvatore Formosa miet fit-23 t'Ottubru, 1978, (ara foll 5);

16.3.2. Illi l-Awtorità intimata giet kostitwita permezz ta' strument legislattiv l-Att XXVII tal-2000;

16.4. Illi d-dati riskontrati fil-paragrafu precedenti ghalhekk jirrendu pacifika l-konkluzjoni li azzjoni odjerna tilledi d-disposizzjoni transitorja fuq riferita, (ara paragrafu sittax punt tnejn, (16.2.), aktar qabel, u ghalhekk din il-qorti hi effettivament prekluza *ex lege* milli tiehu konjizzjoni tal-meritu in dizamina *stante* li l-perjodu temporali in dizamina jirrigwarda allegat ksur tad-drittijiet fundamentali hemm riferiti li sehh abbundantement qabel il-perjodu operattiv statutorjament impost tat-30 t'April, 1987;

16.5. Illi ghalhekk fatti bhal dawk in dizamina antecedenti ghad-data imposta fil-Kap 319 fuq riferit ma jistghux jigu sindakati;

16.6. Illi ghalhekk din il-qorti hi kostretta takkolji din l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u in vista tal-istess, tiddikjara li m'ghandiex gurisdizzjoni tismà il-kaz odjern;

17. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------